MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 406/2009

**Andrew Alexander Azzopardi**
**Vs**
**Joseph Azzopardi ezercenti l-kummerc ukoll f'isem Zener Services**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Andrew Alexander Azzopardi, ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin t' Ottubru 2009 fejn espona bir-rispett:

*1. "Illi fl-ahhar ta' Lulju 2009, ir-rikorrent ircieva ittra minghand Creditinfo Malta Limited, hawn annessa u markata Dokument A, fejn din il-kumpanija gharrfitu li kellha taghrif illi kien gie ntavolat mandat ta' sekwestru kontrih minn Joseph Azzopardi.*

*2. Illi wara li rcieva din l-ittra, r-rikorrent ghamel il-verifiki mehtiega, u mhux talli sab li din l-informazzjoni kienet korretta, izda skopra wkoll li fit-18 ta' Mejju 2009 kienet giet deciza sentenza kontrih mill-Qorti*

*tal-Magistrati fl-ismijiet Joseph Azzopardi ezercenti l-kummerc ukoll f'isem Zener Services –vs- Andrew Azzopardi (Avviz Nru.: 312/2008CSH), kopja tas-sentenza qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument B, fejn in forza tal-istess, gie kkundannat ihallas is-somma ta' tmint elef, mitejn u hamsa w erbghin Ewro (€8,245) bl-imghaxijiet skond il-ligi.*

*3. Illi r-rikorrent m'ghandu jaghti xejn lill-intimat, u t-talba gudizzjarja li saret kontrih fil-proceduri fuq riferiti minn Joseph Azzopardi kienet wahda mill-aktar abusiva, fejn l-istess Joseph Azzopardi ottjena sentenza kontrih b'abbuz tal-process gudizzjarju.*

*4. Illi r-rikorrent qatt ma kien notifikat b'din il-kawza, u l-procedura tal-affissjoni saret irregolarment u bi ksur tal-ligi. Illi skond l-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni issir billi titwahhal kopja ta' l-atti fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura je watt jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skond kif il-Qorti tiddeciedi, u meta jkun possibbli, <u>jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza.</u>*

*5. Illi fil-kawza fuq riferita fl-ismijiet* ***<u>Joseph Azzopardi ezercenti l-kummerc ukoll f'isem Zener Services vs Andrew Azzopardi</u>*** *(Avviz Numru 312/08CSH), l-att appozitament u biex tigi zgwidata l-Qorti ma twahhalx mar-residenza tar-ritrattand Andrew Alexander Azzopardi, izda f'indirizz iehor li l-attur f'dik il-kawza (illum ritrattat) kien jaf ben tajjeb li ma kienx il-fond residenzjali tar-ritrattand Andrew Alexander Azzopardi.*

*6. Illi ghalhekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija abbazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jghid ghalhekk ir-ritrattat ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti m'ghandhiex:*

*1) Tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-tmintax (18) ta' Mejju 2009 fl-ismijiet* ***<u>Joseph Azzopardi ezercenti l-kummerc ukoll f'isem Zener Services –vs- Andrew Azzopardi</u>*** *(Avviz Numru 312/2008CSH) a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza hawn fuq indikata, prevja d-debita notifika tar-ritrattand skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kawza fuq indikata kontra r-ritrattat li hu ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-intimat Joseph Azzopardi, pprezentata nhar il-hamsa (5) ta' Mejju, 2010 ( a fol. 32 et seq.) fejn espona:

*1) "Preliminarjament in-nullita' tar-rikors guramentat stante illi l-azzjoni ghar-ritrattazzjoni kellha ssir wara s-sentenza fl-ismijiet "****<u>Joseph Azzopardi ezercenti l-kummerc ukoll f'isem Zenner Services –vs- Andrew Alexander Azzopardi</u>****" deciza fit-18 ta' Mejju 2009 u bl-istess okkju ta' dik is-sentenza u mhux b'okkju nvertit kif fil-fatt giet intavolata. Illi jinghad ghalhekk illi l-attur f'dawn il-proceduri qed jipproponi procedure f'ismu kontra l-attur ritrattat meta tezisti sentenza kontra l-istess ritrattand bl-ismijiet inverse li ghanddiet in gudikat.*

*2) Illi minghajr pregudizzju u wkoll in linea preliminari, r-ritrattand jehtieglu jipprova illi kontestwalment mal-prezentata tar-rikors guramentat odjern, huwa ta l-garanzija ghall-ispejjez skond l-artiklu 249 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta, kif irid l-Artiklu 815 tal-istess Kap u f'kaz illi dan m'ghamlux, l-esponenti ritrattat jeccepixxi d-dezerzjoni tal-proceduri odjerni.*

*3) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talba ghar-ritrattazzjoni tar-ritrattand ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi huwa kien debitament notifikat skond il-ligi bl-atti*

*kollha tal-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjonim, dan kif jigi ppruvat ahjar, fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri".*

Rat il-verbal datat il-Hamis, 6 ta' Mejju, 2010 fejn l-avukat difensur tal-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu. Rat ukoll li l-partijiet talbu li jitrattaw it-tieni eccezzjoni.

Semghet lill-Assistent Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali **Frank Mercieca** jixhed fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2010 u jghid li f'kazijiet ta' ritrattazzjoni, r-Registru tal-Qorti Inferjuri qatt ma esiga ghal xi garanzija mar-rikors gurамentat.

Illi l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw it-tieni eccezzjoni tal-intimat waqt is-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2010 u talbu li din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza limitatament fuq din it-tieni eccezzjoni.

Rat li fis-sentenza li ta' din il-Qorti kif preseduta moghtija fl-ismijiet premessi nhar 30 ta' Gunju, 2011 il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza dwar it-tielet eccezzjoni proprju fu qil-mertu.

Rat ix-xhieda ta' l-attur **Andrew Alexander Azzopardi** li xehed fid-19 ta' Ottubru, 2010 fejn qal li x-xoghol tieghu hu ta' designer u li sar jaf lill-intimat Joseph Azzopardi meta kien mistieden fil-programm Tista' Tkun Int. Ix-xhud qal li l-intimat jahdem bhala *turnkey contractor.* Azzopardi qal li kien hemm klijent tieghu li xtaq jaghmel xi xogholijiet u dan qabbadlu lil Joseph Azzopardi. Effettivament, hu ghamel ftehim ma' Joseph Azzopardi.

Ix-xhud saritlu referenza ghad-dokument immarkat bhala dokument JA 1 a fol 34, 35 tal-process u qal li l-ewwel ftehim li ffirmaw jinsab a fol 35 u jitratta s-sena 2006, filwaqt li t-tieni ftehim li ffirmaw ghal 2007 huwa dak a fol 34. Meta ffirma l-ftehim a fol 35 hu kien joqghod fil-fond "Fingest House", Monsinjur Innocent Zammit Street, l-Imsida u meta ghamel it-tieni ftehim hu kien joqghod 25, Triq il-Musbieh, Naxxar. Pero' fit-tieni ftehim hemm miktub

li joqghod Fingest House, l-Imsida. Dan gara ghax l-intimat xtaq li l-indirizz imnizzel fil-ftehim ikun dak tal-karta ta' l-identita'. Infatti hu kkonferma li meta biddel ir-residenza kien ghadu ma biddilx il-karta ta' l-identita'. Ikkonferma li l- post li ghandu fin-Naxxar huwa ghandu b'titolu ta' kera ghalkemm kien jahdem u jghix hemmhekk. Huwa esebixxa il-*lease agreement* dwar dan il-post li gie immarkat bhala dokument Z. Isostni li l-kuntratt, *lease agreement* hu datat 4 ta' Jannar 2006 u hu mar jghix fih xahrejn wara.

Mistoqsi jekk l-intimat kienx jaf fejn joqghod wiegeb fl-affermattiv u ikkonferma dan ghax l-intimat kien mar ghandu n-Naxxar bit-tieni ftehim b'referenza ghall-post li kien jghix fih. L-intimat qatt ma kien mar ifittxu fl-ewwel post li jinsab l-Imsida.

Ix-xhud ikkonferma li fir-residenza tieghu fin-Naxxar qatt ma rcieva korrispondenza dwar il-kawza li kellu dwar dan il-mertu. Huwa sar jaf b'din il-kawza meta rcieva ittra mill-*credit info*, u sussegwentement kien cempel lil *credit info* biex isaqsihom x'gara u wiegbuh li kienet giet deciza kawza fil-konfront tieghu. L-ittra ndirizzata lilu fil-25, Triq il-Musbieh, Naxxar, mibghuta mill-*credit info*, tinsab esebita fl-atti a fol 4, mmarkata bhala dokument A u hija l-istess ittra li rcieva. Kompla jghid li l-karta ta' l-identita' dam xi sentejn biex biddilha.

Fil-kontro-ezami qal li qatt ma gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru 2655/2008. Huwa ghandu kont mal-bank HSBC li diga' kellu mandat ta' sekwestru fuq il-kont tieghu u ghalhekk ma kienx qed juzah, ghalkemm il-mandat kien fuq pendenza ohra. Huwa sostna li l-bank ma kienx infurmah b'dan is-sekwestru.

Rat ix-xhieda ta' **Keith Bondieri** li xehed ukoll fid-19 ta' Ottubru, 2010 fejn qal li huwa jahdem ma' Andrew Alexander Azzopardi u l-post tax-xoghol taghhom huwa 25, Triq il-Musbieh, Naxxar. Huma ilhom joperaw minn dan il-post minn Marzu ta' l-2006. Huwa kkonferma li jahdem bil-ktieb mieghu u li huwa registrat ma' l-ETC li jahdem f'dan il-post. Keith Bondieri qal ukoll li apparti li

dan il-post hu l-ufficju ta’ Andrew Alexander Azzopardi, huwa wkoll ir-residenza tieghu.

Rat ix-xhieda ta’ **Pierre Debono** li xehed fit-3 ta’ Frar 2011 u gharaf il-kuntratt esebit f’dawn l-atti immarkat bħala dokument “Z” a fol 54 bhala l-kuntratt ta’ kirja li kien hemm ezistenti bejnu, Pierre Debono, u Andrew Azzopardi. Gharaf il-firma tiegħu fuq dan il-ftehim. Ikkonferma illi mill-4 ta’ Jannar 2006 sal-lum Andrew Azzopardi jghix f’dan il-fond 25, Triq Musbieh, Naxxar.

Rat ix-xhieda ta’ l-intimat **Joseph Azzopardi,** li xehed nhar it-30 ta’ Marzu 2011 u kkonferma illi kien ipprezenta kawza kontra l-attur ta’ din il-kawza liema kawza kienet giet deciza. Din kienet giet ibbazata fuq kuntratt li kien gie ffirmat bejniethom fit-tmintax (18) ta’ Frar, elfejn u sitta (2006). Ir-riferenza ghall-kawza hu ghal Avviz numru 312/2008 fl-ismijiet “**Joseph Azzopardi et versus Andrew Azzopardi**,” liema sentenza tinsab esebita f’dawn l-atti mmarkata bhala dokument “B”.

Ix-xhud qal illi l-kuntratt li ffirmaw bejniethom kien gie ffirmat fl-ufficcju tieghu u Andrew Azzopardi ddikjara li kien qed jghix fir-residenza Triq Monsinjur Innocenz, l-Imsida. Huwa esebixxa kopja ta’ dan il-kuntratt iffirmat bejniethom, liema dokument gie markat mill-Qorti bhala dokument “CSH”. Dan gie pprezentat *animo ritirandi*. Ikkonferma, però, li dan il-kuntratt gie ffirmat fl-elfejn u sitta (2006).

Spjega ulterjorment li fis-sena elfejn u sebgha (2007) kienu ghamlu ftehim iehor bejniethom. Dan gie esebit u mmarkat bhala dokument “CSH1” u jghid illi f’dan l-istess dokument, Andrew Azzopardi ddikjara li kien qed jghix ukoll f’Monsinjur Innocenz Zammit Street, l-Imsida.

Sussegwentement kien ghamel diversi telefonati sabiex jitolbu l-hlas, però huwa kien jaqtaghlu. Ghalhekk iddecieda il jmur ghand l-avukat u kienu baghtulu ittra. Esebixxa kopja ta’ din l-ittra li giet mmarkata bhala dokument “CSH2”. L-ewwel qallu li ma riedx ihallsu

ghaliex il-klijenta tieghu kienet qieghda l-isptar, imbagħad kien itawwallu billi jghidlu li ma hargitx mill-isptar.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ix-xhud qattx ircevieva risposta ghad-dokument “CSH2” wiegeb illi le effettivament ma rceviex.

Effettivament imbagħad ipprezenta il-kawza xhur wara. Spjega pero’ li qabel ma kien ipprezenta l-kawza li digà ghamel riferenza ghaliha, kien ghamel verifiki fir-Registru Elettorali u kien jidher li l-konvenut kien ghadu registrat l-Imsida. Esebixxa kopja tar-Registru Elettorali li giet mmarkata mill-Qorti bhala dokument “CSH4”. Din hija kopja tar-Registru Elettorali elfejn u sitta (2006).

Jiftakar ukoll illi qabel ma ffirmaw t-tieni kuntratt, cioé dak li gie esebit mmarkat bhala dokument “CSH1” kien cempillu u dan kien qallu sabiex immur jiltaqa’ mieghu f’post in-Naxxar. U effettivament hemmhekk mar, fejn haseb li kien l-ufficju tieghu. Lix-xhud qatt ma qallu li ma kienx ghadu jghix l-Imsida.

In kontro-ezami li sar l-Erbgha, 30 ta’ Marzu, 2011, **Andrew Alexander Azzopardi** kkonferma illi l-kont bankarju tieghu li kien gie maqbud bil-mandat ta’ sekwestru 2655/2008 ma kienx juzah. Tenna illi dak iz-zmien kellu kont mal-APS u mal-BOV però minhabba dawk il-problemi finanzjarji li kellu mal-bank HSBC iddecieda li ma juza l-ebda bank.

**Joseph Azzopardi** xehed nhar id-29 ta’ Marzu 2012 u iddikjara li huwa jaqbel li bejnu u l-attur gew iffirmati zewg kuntratti. Effettivament l-ewwel kuntratt kien gie iffirmat ghand in-nutar u li t-tieni kuntratt gie iffirmat ghand Andrew Alexander Azzopardi stess, u dan gewwa in-Naxxar. Meta huma marru gewwa in-Naxxar haseb li fil-fatt kien sejjer fl-ufficcju tieghu u mhux fir-residenza tieghu. Mhux minnu dak li qed jigi suggerit lilu mill-avukat difensur ta’ l-attur li dakinhar l-attur kien qallu li qed jghix in-Naxxar u huwa insista mieghu biex inizzel fuq il-kuntratt l-indirizz tal-ID Card, cioe’ dak tal-Imsida.

Effettivament qal li kien l-attur stess li kiteb l-indirizz tal-Imsida. Pero' it-tieni ftehim gie miktub mix-xhud. Ghalih l-attur kien jghix l-Imsida. Huwa mar ifittex fir-Registru Elettorali fejn effettivament jghix ir-rikorrenti qabel ma fetah il-kawza ghax hekk kien qallu biex jaghmel l-avukat tieghu. Effettivament ma kienx hu li ghamel it-tfitxija fir-Registru Elettorali, kien l-avukat tieghu stess u ikkonferma li kemm il-darba kien cempel lill-attur u qatt ma wiegbu. Pero' kien hemm drabi meta wiegbu u qallu li l-klijenta kienet ghada ma hallsitux u ghalhekk ma setax jghaddilu l-flus. Lilu qatt ma qallu r-rikorenti li x-xoghol effettivament ma kienx sar sew. Huwa minnu li huwa ghamel xi zmien imsiefer barra minn Malta fuq *holiday,* kien dam xi xahar. Mhux minnu pero' li huwa kien qal l-attur li kien siefer, ma jafx kif sar jaf.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet ta' Andrew Alexander Azzopardi pprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar il-15 ta' Mejju 2012.

Rat illi l-intimat kien inghata zmien sabiex iwiegeb ghal din in-nota sat-2 ta' Lulju 2012 pero' din in-nota responsiva ma gietx prezentata.

Rat ukoll li fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 l-intimat talab estensjoni fiz-zmien moghti lilu ghall-prezentata ta' l-istess u l-Qorti estendiet it-terminu sa l-ahhar ta' Lulju 2012 izda nonostante dan tali nota responsiva qatt ma giet pprezentata.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qabel ma tidhol biex tiddiskuti l-fatti spece kif sollevati fir-rikors promotur u s-sussegwenti risposta li giet pprezentata mill-intimat, taghmel referenza ghal dak li gie rilevat mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cioe' fejn huwa allega illi s-sentenza li nghatat fit-18 ta' Mejju 2009 kienet allegatament milquta b'difett procedurali serju. Dwar din l-allegazzjoni, din il-Qorti mhijiex ser tesprimi ruhha ghaliex ma tifformax parti mill-mertu tal-kawza odjerna u m'hemm l-ebda referenza ghal tali allegazzjoni ta' nuqqas ta' procedura salv dik naxxenti

mill-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 la fir-rikors promotur u lanqas fir-risposta.

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitlob ritrattazzjoni tal-kawza li giet deciza nhar it-18 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet '**Joseph Azzopardi ezercitanti l-kummerc f'isem Zener Services vs Andrew Alexander Azzopardi'** (Rikors Numru 312/2008 CSH) a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 u dan fuq il-premessa li l-intimat kien innotifika lir-rikorrenti bil-procedura tal-affissjoni fl-indirizz 'Fingest House', Block A, Apartment 2, Monsinjur Innocenz Zammit Street, Msida nhar it-3 ta' Marzu 2008 meta huwa kien jghix fil-fond 25, Trieq il-Musbieh, Naxxar.

Illi fil-mori ta' dan ir-rikors ir-rikorrenti ressaq diversi xhieda sabiex jikkonferma li effettivament huwa kien kera il-fond 25, Triq il-Musbieh, Naxxar nhar l-4 ta' Jannar 2006 u mar ighix go fih xahrejn wara. Pierre Debono fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011 ikkonferma li r-rikorrenti kien kera il-fond gewwa in-Naxxar minghandu skond l-iskrittura esebita u kien ilu jghix u jahdem f'dan il-fond sa minn meta kera l-fond. Keith Bordieri, impjegat mar-rikorrenti, nhar id-19 ta' Ottubru 2010 qal li l-post tax-xoghol taghhom huwa l-fond 25, Triq il-Musbieh, Naxxar u ilhom joperaw fih sa minn Marzu 2006 u zied ighid ukoll li r-rikorrenti jghix f'dan l-istess fond. Illi dawn ix-xhieda ma gewx kontestati u l-intimat ma ressaq l-ebda xhud iehor sabiex jittanta jgib fix-xejn dak li allega ir-rikorrenti. Jghid li kien l-avukat tieghu li kien ivverifika l-indirizz tar-rikorrenti minn fuq ir-Registru Elettorali u kien ghalhekk li r-rikorrenti kien gie notifikat fuq dan l-indirizz. Pero' jirrizulta mir-rikorrenti stess li ghalkemm huwa minnu li fir-registru elettorali jidher li jghix l-Imsida in realta' ma kienx hekk u jghid li l-intimat kien jaf ghaliex sahansitra kien mar ghandu in-Naxxar u jghid li kien qallu qabel ma iffirma l-ftehim pero' l-intimat kien insista li l-indirizz fuq l-ftehim jibqa' dak muri fir-Regisru Elettorali.

Minn naha l-ohra l-intimat jghid li r-rikorrenti skond ir-Registru Elettorali kien jghix l-Msida skond kif hemm imnizzel fil-kuntratt iffirmat bejniethom u kien ghalhekk li innotifikah f'dak il-fond. Meta l-intimat pero' gie mistoqsi

jekk effettivament kienx minnu li ffirma it-tieni ftehim li kellu mar-rikorrenti gewwa l-fond tan-Naxxar jghid li hekk kien pero' haseb li kien l-ufficcju tieghu. Cahad dak li gie suggerit lilu li effettivament ir-rikorrenti kien qallu li m'ghandux jghix l-Imsida.

Bil-procedura ta' ritrattazzjoni, sentenza li ghaddiet in gudikat tista' wkoll tigi mhassra, izda biss f'cirkustanzi partikolari specifikati fl-istess Kodici, u basta l-azzjoni ssir f'terminu preskritt u bil-procedura appozita. Il-Legislatur, donnu, ma riedx li sentenza definittiva tkun tista' tigi mhassra fi kwalunkwe zmien jew ghal kwalunkwe raguni li jkun lest jaccetta l-gudikant; ic-cirkustanzi li jistghu jwasslu ghat-thassir tas-sentenza ma baqghux aktar fid-diskrezzjoni tal-gudikant (li seta' jaccetta jew ma jaccettax cirkustanza partikolari skond kif jidhirlu hu li kien gust), izda gew definiti b'mod oggettiv fil-ligi.

Illi ir-rikorrenti qed jibbaza it-talba odjerna tieghu ghar-ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 u dan ghaliex jemmen li ma kienx gie notifikat skond il-ligi. Dan l-istess artikolu jiddisponi is-segwenti:

**L-artikolu 811** "*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*Raġunijiet għar-ritrattazzjoni.*

*b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*"

Illi r-rikorrenti qed jikkontesta n-notifiki kollha li saru permezz tal-affissjoni u dan ghaliex una volta r-rikorrenti kien qed jghix in-Naxxar u mhux l-Imsida allura jsegwi li n-notifiki li saru fil-Kunsill Lokali u l-Ghassa tal-Pulilizija kellhom isiru n-Naxxar u mhux l-Imsida.

F'dan l-istadju, u cioe' dwar kwistjoni ta' notifiki, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti fil-kawza '**<u>Three Barrels Ltd. vs Schembri et'</u>**, deciza fit-13 ta' Lulju, 2001, dwar il-htiega li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tigi segwita rigorozament:

"*Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*

*"(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;*
*(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;*
*(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum,wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi."*

*"Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem,"meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-Artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi.*"

**L-Artikolu 188 tal-istess Kap. 12** jipprovdi li r-riferti ghandhom jindikaw l-isem u l-kunjom tal-persuna li lilha kellu jigi notifikat l-att, u "il-post fejn l-att gie notifikat. Dak li hu importanti, ghall-fini tal-Artikolu 187(3), hu li kopja titwahhal mal-<u>bieb ta' dik ir-residenza</u>. Anke jekk riferta tista' titqies redatta mhux ezattament konformi mal-ligi, la darba jirrizulta ppruvat li l-att twahhal mal-bieb tar-residenza , allura l-vot tal-ligi jkun sodisfatt. Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza '**<u>Elmo Insurance Ltd. et. vs Mangion'</u>**, deciza fit-12 ta' Jannar, 2005, "*hi ammissibbli kull prova li tista' twassal ghal konvinciment morali tal-Qorti dwar il-fatt tannotifika tal-att de quo*" (ara

wkoll '**Sacco v. Agius'**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2006).

Dwar il-kwistjoni mertu tar-rikors promotur u cioe' dik ta' ritrattazzjoni ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla fl-ismijiet '**Charles Michael Gauci vs Alfred Vella noe',** nhar l-10 ta' Ottubru 2003 fejn inghad li:

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li lgudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma* res iudicata pro veritate habetur. *Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza* ***li mhux permess mil-ligi.***

Illi a propositu jinghad li huwa principju ormai stabbilit li l-istitut ta' r-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **"Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe"** (A.C. - 12 ta' Mejju 2003) gie osservat li *"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.371) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818), 'non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale' (**Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et.** Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910)".*

Illi ulterjorment, fil-kawza fl-ismijiet **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. - 18 ta' April 1958 (Vol. XLII.i.227)) il-Qorti osservat ukoll li "ma *jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk (...) jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"* Illi dawn il-principji gew ikkonfermati u ri-affermati kostantament fil-gurisprudenza nostrali tant li fis-sentenza **"A vs B"** mill-

Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol.LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehedstraordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A.(RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Gauci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008); **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. – 29 ta' Jannar 2010) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandhu dejjem:-

*"……..izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li rregoli li jiggovernaw dan listitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi ghalhekk jirrizulta li l-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment (App Civ 5.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet '**Kontrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et'** ) sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi (App. Civ. 7.12.1936 fil-kawza fl-ismijiet '**Wismayer vs Wismayer et'** (Kollez Vol XXIX.i.795) (imsejha teknikament in rescindente); u fit-tieni post, dik li

terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in rescissorio)'.

Illi r-rikorrenti mhux qieghed jipproponi ritrattazzjoni tas-sentenza izda minn qari tar-rikors mahluf partikolarment it-talbiet attrici huwa evidenti li dak li qieghed jipprova jittanta jottjeni r-rikorrenti nomine minn din il-Qorti huwa r-rescindente ir-*restitutio in integrum.,* ossija li jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien qabel ma nghata s-sentenza minnu mpunjata.

Relevanti wkoll ghall-mertu tal-kawza odjerna dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet '**Salvatore Fenech vs Emmanuele Borg'** deciza mill- Prim'Awla fit-3 ta' April 1962:

*'Jekk sentenza tinghata meta l-konvenut ma kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, ir-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik is-sentenza mhuwiex dak li jitlob b'kawza ohra n-nullita' ta' dik is-sentenza, imam jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni'.*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament verament in-notifika li ghamel l-intimat ma saritx fir-residenza tar-rikorrenti u ghalhekk r-rikorrenti hu gustifikat meta jghid li ma kienx jaf xejn dwar il-kawza li giet deciza fl-ismijiet inversi.

**Ghalhekk, din il-Qorti tiddikjara li qed tasjteni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li din giet irtirata minnu fil-mori tal-provi, tiddikjara li gja esepremiet ruhha dwar it-tieni eccezzjoni fis-sentenza li inghatat in parte u minhabba f'hekk din is-sentenza qed tinghata dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' dik fil-mertu.**

**Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li qeghda tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat, qeghda tilqa' it-talba rikorrenti u konsegwentement tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti nhar it-18 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet 'Joseph Azzopardi ezercitanti kummerc ukoll**

**f'isem Zener Services vs Andrew Azzopardi', Rikors Numru 312/2008 CSH.**

**L-ispejjez kif mitluba mir-rikorrenti jithallsu nofs mir-rrikorrenti u nofs mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------